MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Numru. 443/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Pulis**
**Spettur Kenneth Haber**

**VS**

**Eman Ebejer, iben Joseph u Mary nee' Zammit, imwieled Tal Pieta' nhar il-25 ta' Awwissu, 1985, residenti fil-fond 178, Millennia, Triq San Pietru, Kirkop, detentur tal-karta tal-identita' numru 0439685M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Eman Ebejer** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-15 ta' April, 2013, ghall-habta tat-08.30hrs, minn gewwa l-knisja parrokkjali ta' Hal Kirkop, Hal Kirkop,

ikkommetta serq ta’ flus kontanti u kaxxa tad-donazzjonijiet, liema serq huwa aggravat bil-lok, ghad-dannu tal-Knisja Arcipretali ta’ Hal Kirkop;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ ghamel hsara fuq kaxxa tad-donazzjonijiet, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), imma huwa izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), ghad-dannu tal-Knisja Arcipretali ta’ Hal Kirkop;

3. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, bejn ix-xhur ta’ Marzu u Mejju, 2013, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ flus kontanti minn gewwa diversi vetturi, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-haga misruqa, ghad-dannu ta’ diversi persuni;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkunu indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

5. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok, u cirkostanzi, xjentement bil-hsieb illi jaghmel delitt, u cioe’ delitt ta’ serq aggravat ta’ flus kontanti minn gewwa diversi vetturi, gewwa Hal Kirkop u z-Zurrieq, ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma gix esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), u bin-natura tal-haga misruqa, ghad-dannu ta’ Eugenio Cini u/jew persuni ohra;

6. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi kien hati tal-istess;
Rat illi fil-fatt l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;
Rat f'dan ir-rigward il-kunsens tal-Avukat Generali (folio 9).

Rat illi gie redatt u pprezentat Pre-Sentencing Report maghmul minn Sharlet Fabri;
Rat ir-rakkomandazzjonijiet taghha, u cioe':
"*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, qed jigi ssuggerit lil din l-Onorabbli Qorti li tigi kkunsidrata Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skont l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan sabiex l-imputat jigi moghti l-ghajnuna u l-gwida necessarja f'diversi oqsma tal-hajja tieghu, specjalment biex jindirizza l-problema tad-droga u biex jghix hajja aktar stabbli. F'dan il-kaz nissugerixxi wkoll li tigi annessa kundizzjoni li Ebejer isegwi programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, kif ukoll illi jissottometti ruhu ghal testijiet rigward l-abbuz tad-droga skont id-direttivi moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probartion.*" (folio 33 tergo), Dok CF folio 25.

Rat il-verbal taghha datat 7 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti ordnat illi l-istess Ufficjal tal-Probation, biex stante r-rakkomandazzjonijiet taghha, il-Qorti tigi nfurmata jekk l-imputat ghamilx avvicinament biex jibda programm kontra l-vizzju tal-abbuz tad-droga. Semghet ghalhekk lil Charlotte Fabri, Ufficjal tal-Probation, li xehdet illi nonostante li l-imputat kellu appuntamenti mal-Agenzija Caritas, hu m'attendix.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, u wara li rat l-Artikoli 18, 41, 261, 269, 271, 289, 325, 334, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat Eman Ebejer hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' tmintax(18)-il xahar, anke wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------